MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2013

Appell Kriminali Numru. 98/2011

**Il-Pulizija**
**(Supt. Peter Paul Zammit)**
**(Spt. George Cremona)**
**(Spt. Angelo Caruana)**
**Vs**
**Norman Lowell**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 621346 (M) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli
1. Fir-Rabat, Malta, nhar t-tlieta t'April 2006, uża kliem jew imġiba ta' theddid abbużiv jew insulenti, jew xort'oħra ġab ruhu b'dan il-mod bil-ħsieb li b'hekk qajjem mibegħda razzjali jew b'hekk ħoloq l-probabilita' li meta

wiehed iqis iċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem mibegħda razzjali;
2. Talli fil-Qawra limiti ta' San Pawl il-Bahar, nhar t-tmienja ta' Mejju 2006, uża kliem jew imgiba ta' theddid abbużiv jew insulenti, jew xort'oħra ġab ruħu b'dan il-mod bil-ħsieb li b'hekk qajjem mibegħda razzjali jew b'hekk ħoloq l-probabilita' li meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem mibegħda razzjali;
3. Talli bejn Diċembru 2003 u s-sebgħa u ghoxrin ta' Marzu 2006, permezz ta' artikolu bit-titolu 'Coming Cataclysmic Crisis', uża kliem jew imġiba ta' theddid abbużiv jew insulenti, jew xort'oħra ġab ruħu b'dan il-mod bil-ħsieb li b'hekk qajjem mibegħda razzjali jew b'hekk ħoloq l-probabilita' li meta wieħed iqis ċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem mibegħda razzjali;
4. Talli fil-Qawra limiti ta' San Pawl il-Bahar nhar t-tmienja ta' Mejju 2006 uża kliem, għemil jew ġesti li jinġurjaw jew jinsulentaw jew imaqdru lill-persuna tal-President ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Marzu, 2008, li biha wara li rat l-artikoli 18, 72, 82A(1)(2), 31, 32, 20 u 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta ddikjarat li sabet lill-appellant ħati tal-akkużi kollha kif addebitati fil-konfront tiegħu u kkundannatu għall-piena karċerarja ta' sentejn, pero` bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssospendiet l-operat tagħha ghal perjodu ta' erbgha (4) snin u b'hekk din il-piena għandu jkollha l-effett ta' mannara sabiex l-appellant jifli l-kliem tieghu qabel ma jesprimi ruhu fil-futur.
Oltre dan ikkundannatu jhallas multa ta' ħames mitt Euro (€500).

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti kkundannat lill-appellant iħallas l-ispejjeż inkorsi mal-hatra ta' periti u esperti, l-Qorti laqghet tali talba w kkundannatu jħallas l-ispejjeż involuti fil-ħatra tal-espert Dottor Stephen Farrugia Sacco (fol. 114) u dan fl-ammont ta' tmienja u tletin Euro (€38) u dan fi żmien xahar u fin-nuqqas tali somma tigi

konvertita fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata priġunerija għal kull €11.65 dovuta.

Ordnat li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-għan.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-8 ta' April, 2008, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha :

(a) Ikun hemm it-tahsir tas-Sentenza tal-Qorti Inferjuri citata ta' nhar il-Hamis. 27 ta' Marzu, 2008, minhabba li din hija nulla w invalida, ineffettiva u mhux enforzabbli ghad-diversi ragunijiet jew uhud minnhom skond kif jidhiriha din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, Ii gew sottomessi a bazi tas-sub-artikolu (1) (b) tal-Artikolu 419 tal-Kodici Kriminali kif hawn fuq imfissra f'dan ir-Rikors tal-Appell odjern.

(b) Illi jekk din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali tilqa' t-talba precedenti tal-imputat / Appellanti, ghandhom jinghataw dawk il-provedimenti, ordnijiet u direttivi pertinenti li din il-wisq Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u gust Ii taghti w tordna fir-rigward tal-interessi tal-imputat / Appellanti a bazi naturalment tal-pieni li gew imposti fuq l-Appellanti mill-Ewwel Qorti fis-Sentenza citata, partikolarment illi l-appeilanti ma jkun b'ebda mod marbut mal-ebda piena mposta milI-Ewwel Qorti f'pagni 116 u 117 tas-Sentenza tas-27 ta' Marzu, 2008.

(c) Illi jekk din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali tiddeciedi Ii ma tilqax l-ewwel talba tal-Appellanti, din il-Qorti qeghda tintalab sabiex tiddikjara nulla w invalida, ineffettiva u mhux enforzabbli l-ewwel akkuza fil-konfront tal-imputat / Appellanti minhabba l-bdil tad-data mill-Ewwel Qorti fi stadju meta I-Prosekuzzjoni diga' kienet ilha xhur Ii ddikjarat Ii ma kienx fadlilha aktar provi (a fol. 12 tal-Atti Processwali) u l-Imputat / Appellanti kien diga' fi stadju avvanzat tad-deposizzjonijiet tieghu nkluz l-esebizzjoni ta' diversi Dokumenti, Referenzi relevanti, u anka Sentenzi minn Qrati Kompetenti fuq materja meritu tas-sitwazzjonijiet simili bhall-akkuza msemmija.

(d) Illi jekk din il-wisq Onorabbli Qorti tiiqa’ t-talba mmedjatament precedenti. allura din il-Qorti qeghda umilment tigi mitluba sabiex thassar l-effettivita’ tas-Sentenza citata sa fejn tirrigwarda l-ewwel akkuza kontra l-Appeilanti, tiddikjara tali akkuza nulla w invalida, u timmodifika fic-cirkostanzi jekk huwa possibbli l-pieni mposti mill-Ewwel Qorti f’pagna 116 u 117 tas-Sentenza tas-27 ta’ Marzu. 2008.

(e) Din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ghandha tordna t-tahsir tas-Sentenza tal-Ewwel Qorti hawn citata minhabba li l-Ewwel Qorti naqset li tikkonforma ruhha mar-rwol taghha ta’ Qorti Kriminali imma marret ultra vires fis-sens illi ghamlitha espressament cara li hija hadet in-naha tal-Prosekuzzjoni biex isservi ta’ bilanc ghas-socjeta’ u tkun ta’ deterrent bhal mannara fuq l-Appellanti biex ***‘jifli l-kliem tieghu qabel ma jesprimi ruhu fil-futur’***, mentri din mhux ir-rwol tal-Qorti Kriminali u ghalhekk din is-Sentenza ghandha tithassar u tigi dikjarata nulla w invalida, ineffettiva u mhux enforzabbli.

(f) Illi din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ghandha tordna t-tahsir tas-Sentenza tas-27 ta’ Marzu, 2008 billi l-Ewwel Qorti naqset li specifikament tikkundanna lill-akkuzat ghal kull wahda mill-erba’ akkuzi u ma abbinat ebda piena relatata specifikament ma’ kull wahda mill-erba’ akkuzi, b’mod illi dan cahhad il-jedd jekk huwa l-kaz li l-Appellanti fl-eventwalita’ li ried jappella minn xi decizjoni fuq akkuza partikolari, din is-Sentenza tal-Ewwel Qorti kienet monka f’dan l-aspett fundamentalissimu fil-procedura quddiem il-Qorti Kriminali w ghalhekk lezi d-drittijiet fundamentali tal-Appellanti, tali Sentenza ghandha tigi dikjarata nulla w invalida, ineffettiva u mhux enforzabbli u f’dan ir-rigward din l-Onorabbli Qorti tal-Appell tordna t-tahsir taghha.

(g) Illi din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ghandha tordna t-tahsir ukoll tas-Sentenza tal-Ewwel Qorti hawn indikata peress illi manifestament kien hemm erba’ akkuzi differenti fir-rigward tal-imputat / Appellanti, b’lokalitajiet u dati u hin u zminijiet differenti partikolarment

fir-rigward tar-raba' akkuza li bil-bda mod ma dawn l-erba' akkuzi ma setghu jigu meqjusa li jinkwadraw ruhhom fil-parametri tal-Artikolu 18 (reat kontinwat) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u considerando li l-Ewwel Qorti fis-Sentenza taghha minkejja eccezzjoni in linea preliminari f'dan ir-rigward da parti tal-Appelianti trattat dawn l-erba' akkuzi qishom kienu wahda allura fic-cirkostanzi gew lezi d-drittijiet fundamentali tal-akkuzat fil-kamp tal-Ligi Kriminali fiiwaqt li kien hemm nuqqas ta' konformita' mal-procedura kriminali u kwindi s-Sentenza minn dan l-att hija nulla w invalida, ineffettiva u mhux enforzabbii peress illi wkoll m'hemm l-ebda abbinament bejn l-Artikolu 82A u dak 72 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk it-talba ghat-tahsir tas-Sentenza tal-Qorti Inferjuri.

(h) Illi din ii-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali tordna t-tahsir tas-Sentenza citata billi evidentament anka minn siltiet iccitati mis-Sentenza ndikata fil-korp fl-intier tieghu kollu ta' dan ir-Rikors tal-Appell odjern, l-Ewwei Qorti hadet bl-aktar mod esplicitu n-naha tal-Prosekuzzjoni b'mod illi l-Ewwel Qorti bir-rispett kollu ma dehritx indipendenti, imparzjali, b'attitudini oggettiva fil-mod kif iggudikat lill-Appellanti li fin-nuqqas ta' provi da parti tal-Prosekuzzjoni, kienet l-istess l-Ewwel Qorti li kkonkludiet il-htija tal-imputat, meta dan m'huwiex ir-rwol tal-Qorti Kriminali u ghaldaqstant ppregudikati d-drittijiet fundamentali tal-akkuzat fil-qasam tal-Ligi Kriminali, din is-Sentenza ghandha titqies nulla w invalida, ineffettiva u mhux enforzabbli u din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ghandha tordna t-tahsir tas-Sentenza li minnha qed isir dan l-Appell odjern.

(i) Illi din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell hija umilment mitluba li thassar l-effetti jekk huwa l-kaz tas-Sentenza Appellata fir-rigward tal-ewwel akkuza kontra l-Appellanti ulterjorment ukoll billi l-Ewwel Qorti ma specifikatx jekk l-Appellanti huwiex hati jew le bhala akkuzat tal-allegat reat fl-ewwel akkuza u wisq anqas ma mponiet xi piena partikolari fir-rigward tal-ewwel akkuza fil-konfront tal-imputat jew iddikjaratu hieles minn kull imputazzjoni u / jew htija jew xorta ohra u dan jammonta ghal nuqqas serju fil-procedura kriminali, li jaffettwa d-drittijiet fundamentali

tal-akkuzat fil-kamp kriminali u kwindi s-Sentenza fir-rigward tal-ewwel akkuza ghandha titqies nulla w invalida, ineffettiva u mhux enforzabbli u din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell hija mitluba biex thassarha u l-effetti taghha jekk huwa l-kaz f'dan ir-rigward ukoll.

(j) Illi mutatis mutandi ghal dak illi ntqal fit-talba precedenti, din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell hija mitluba li thassar sa fejn applikabbli s-Sentenza Appellata fir-rigward tat-tieni akkuza kontra l-Appellanti billi l-Ewwel Qorti naqset li specifikament tikkundanna u / jew issib lill-imputat hati tal-allegat reat fit-tieni akkuza u lanqas ma ddikjaratu hieles minn kull imputazzjoni / htija jekk hu l-kaz u dan fisser illi gie miksur regolament importanti fil-qasam tal-Procedura Kriminali u r-rwol tal-Qorti Kriminali u f'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk is-Sentenza citata ghandha tigi meqjusa nulla w invalida, ineffettiva u mhux enforzabbli wkoll fir-rigward tat-tieni akkuza versata kontra l-imputat u din il-Qorti sa fejn huwa relevanti tordna t-tahsir tal-istess Sentenza.

(k) Illi din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali hija mitluba wkoll li thassar is-Sentenza citata sa fejn tapplika t-tielet akkuza kontra l-imputat billi l-Ewwel Qorti naqset li specifikament tiddikjara lill-imputat hati jew hieles minn dan l-allegat reat fir-rigward tal-artikolu "Coming Cataclysmic Crisis" u lanqas ma formalment helsitu jew imponiet xi forma ta' piena, aspetti essenzjali fir-rwol tal-Qorti Kriminali u l-ghoti tas-Sentenzi u ghalhekk f'dan ir-rigward is-Sentenza citata ghandha tigi dikjarata nulla w invalida, ineffettiva u mhux enforzabbli u din l-Onorabbli Qorti tal-Appell ghandha tordna t-tahsir tal-istess Sentenza f'dan ir-rigward fejn applikabbli.

(l) Illi din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell ghandha tordna t-tahsir tas-Sentenza Appellata fir-rigward tar-raba' akkuza kontra l-Imputat billi l-Ewwel Qorti naqset fis-Sentenza tas-27 ta' Marzu, 2008, li tispecifika jekk l-Imputat hux hati jew le ta' din l-akkuza u naqset ukoll li tilliberah jew timponi xi forma ta' piena fuqu, elementi essenzjali fir-rwol ta' Qorti Kriminali w aspett fundamentali ghad-drittijiet tal-akkuzat f'kull Sentenza fil-qasam tal-

Ligijiet Kriminali li tinghata w ghaldaqstant tali Sentenza ghandha tigi meqjusa nulla w invalida, ineffettiva u mhux aplikabbli fir-rigward ta' din ir-raba' akkuza kontra l-imputat u din il-Qorti tal-Appell ghandha tordna t-tahsir tal-istess Sentenza f'dan ir-rigward sa fejn aplikabbli ghar-raba' akkuza.

(m) Illi din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ghandha tordna t-tahsir tas-Sentenza citata fir-rigward tal-kundanna mill-Ewwel Qorti lill-Imputat biex ihallas multa ta' hames mitt Ewro (€500) f'pagna 116 tas-Sentenza citata billi minghajr pregudizzju ghal dak kollu li gie sottomess l-Artikolu 82A ma jaghmel referenza ghal ebda multa u l-Artikolu 72 jindika alternattiva bejn piena ta' prigunerija bejn xahar sa tliet xhur jew il-multa, u considerando li l-Appellanti qed jassumi li l-multa tirreferi ghal Artikolu 72 u minghajr pregudizzju ghas-sottomissjonijiet tieghu fir-rigward ta' dan l-Artikolu anka fit-talbiet kif hawn fuq suesposti, galadarba l-Ewwel Qorti kkundannatu ghal piena karcerarja ma setghetx ukoll tikkundannah ihallas multa ta' hames mitt Ewro (€500) u allura f'dan ir-rigward l-Ewwel Qorti agixxiet ultra vires is-setghat taghha u fil-parametri ta' dak li hawn qed jigi sottomess din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell ghandha tordna tahsir tas-Sentenza tal-Qorti Inferjuri.

(n) Illi din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ghandha tordna t-tahsir tas-Sentenza Appellata fir-rigward tal-mod kif l-Ewwel Qorti ddikjarat li ssib lill-imputat Norman Lowell hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal piena karcerarja ta' sentejn pero' sospizi ghall-perjodu ta' erba' (4) snin u dan ghaliex l-Ewwel Qorti kienet obbligata li tispecifika l-htija jew in-nuqqas taghha f'kull akkuza jekk huwa l-kaz u l-piena marbuta rispettivament ma' kull akkuza, haga li naqset illi taghmel l-Ewwel Qorti bi vjolazzjoni ta' dritt fundamentali tal-akkuzat u ghalhekk l-Ewwel Qorti naqset li tkun konformi mar-rwol taghha ta' Qorti Kriminali fir-rigward ta' kull akkuza versu kwalsiasi akkuzat, f'dan il-kaz l-Appellanti odjern u ghalhekk f'dan ir-rigward is-Sentenza hija wkoll nulla w invalida, ineffettiva u mhux enforzabbli u relatat ma' dan l-aspett ta' piena karcerarja

kumulattivament ghall-erba’ akkuzi, din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell hija mitluba li tordna t-tahsir tas-Sentenza citata hawn appellata.

**Talbiet Ulterjuri w Alternattivi**

Illi jekk ghall-grazzja tal-argument u bl-akbar umilta’, din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ma tqiesx ghal xi raguni jew ohra li s-Sentenza li ghandha tilqa’ t-talba ghat-tahsir tas-Sentenza tal-Qorti Inferjuri jew partijiet minnha a bazi tal-erbatax- il talba li ghadhom kemm gew sottomessi minn ittra (a) sa ittra (n), bl-akbar umilta’ l-Appellanti / imputat qieghed jissottometti s-segwenti talbiet ulterjuri w alternattivi.

(i) Illi din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell ulterjorment u alternattivament ghall-erbatax -il talba gia sottomessi u jekk ikun mehtieg, qeghda tigi umilment mitluba sabiex tibdel is-Sentenza Appellata fis-sens illi l-Prosekuzzjoni ma gabet ebda provi fir-rigward tal-ewwel akkuza dik konnessa mal-lokalita’ tan-Nigret - Rabat gewwa Malta li dak li tenna l-Imputat nhar it-3 ta’ April, 2006 kellu xi hsieb li jqajjem mibeghda razzjali jew b’hekk holoq il-probabilita’ li meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem mibeghda razzjali, u considerando li l-Prosekuzzjoni ma gabet lanqas l-icken prova marbuta ma’ dan l-element essenzjali tal-Artikolu 82A din il-wisq Onorabbli Qorti qed tigi mitluba biex tehles lill-imputat u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija fir-rigward tal-ewwel akkuza ifi-konfront tieghu rizultanti minn dawn l-Atti Processwali u kif indikata fis-Sentenza li minnha qieghed isir dan l-Appell odjern.

(ii) Illi din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ghandha tibdel is-Sentenza tal-Qorti Inferjuri fis-sens illi l-Prosekuzzjoni naqset milli ggib l-icken prova li b’xi mod ma thalli ebda dubju li l-Imputat tabilhaqq kien hati fir-rigward tad-diskors tieghu tat-8 ta’ Mejju. 2006 fil-Qawra limiti ta’ San Pawl il-Bahar ghal dak illi kellu xi hsieb li b’hekk qajjem mibeghda razzjali jew b’hekk holoq il-probabilita’ li meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem mibeghda razzjali, u ghalhekk l-Imputat qieghed

jigi umilment mitlub ghandu jinheles minn kull imputazzjoni u htija minn din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali u liberat mill-konsegwenzi ta’ din it-tieni akkuza fil-konfront tieghu kif tirrizulta mis-Sentenza citata li minnha qieghed isir dan l-Appell odjern.

(iii) Illi din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell qeghda umilment tigi mitluba biex tibdel is-Sentenza tal-Qorti Inferjuri fis-sens iill b’referenza ghall-Artikolu ‘Coming Cataclysmic Crisis” li nkiteb fis-sena 2003 ma ngabet ebda prova mill-Prosekuzzjoni li dan l-artikolu b’xi mod kellu l-hsieb li b’hekk iqajjem mibeghda razzjali jew b’hekk holoq il-probabilita’ li meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem mibeghda razzjali, u ghalhekk din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell qeghda tigi mitluba umilment biex tehles minn kull imputazzjoni u htija fir-rigward ta’ din it-tielet akkuza kontra l-Appellanti u tillibera lill-imputat mill-istess.

(iv) Illi din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell b’referenza ghar-raba’ akkuza kontra l-Appellanti u cioe’ dik li fil-Qawra limiti ta’ San Paw! il-Bahar nhar it-8 ta’ Mejju, 2006 uża kliem, għemil jew ġesti li jingurjaw jew jinsulentaw jew imaqdru lill-persuna tal-President ta’ Malta bl-ebda mod ma l-Prosekuzzjoni gabet xi prova li b’xi mod issostanzjat din l-allegazzjoni li kien hemm xi Disprezz lejn il-persuna tal-President ta’ Malta u li anka l-istess l-Ewwel Qorti fis-Sentenza citata ma ghamlet ebda referenza speċifika li sabet lill-Imputat hati ta’ din l-akkuza u ghalhekk din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell qed tigi mitluba biex tillibera lill-imputat fir-rigward tar-raba’ akkuza sollevata kontra tieghu.

(v) Illi din ii-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell qeghda umilment tigi mitluba biex tibdel is-Sentenza Appellata fir-rigward li l-Prosekuzzjoni ssottomettiet li l-erba’ akkuzi kontra l-Appellanti kienu jammontaw ghal reat wiehed u cioe’ reat kontinwat meta dan ovvjament m’huwiex il-kaz u li ghaldaqstant din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell ghandha tibdel is-Sentenza Appellata fis-sens illi kwalsiasi decizjoni mehuda mill-Ewwel Qorti li abbinat il-piena taghha fuq il-bazi li l-erba’ akkuzi kienu jammontaw ghal

reat wiehed u reat kontinwat ghandha tigi kkancellata w is-Sentenza mibdula fis-sens illi fic-cirkostanzi -imputat Appellanti ghandu jigi mehlus minn kull piena u iliberat fil-konfront ta’ din l-assunzjoni fir-rigward tieghu li huwa kien hati ta’ reat kontinwu u reat kontinwat.

(vi) Illi din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell qeghda tigi mitluba biex tibdel is-Sentenza Appellata fis-sens illi l-kundanna ghall-hlas tal-multa ta’ hames mitt Ewro (Ewro 500) kif rizultanti minn pagna 116 tas-Sentenza citata u li minnha qieghed isir dan l-Appell odjern qatt ma kienet dovuta billi l-Artikolu 82A ma jimponi ebda multa u l-Artikolu 72 jimponi multa bhala alternattiva waqt li l-Ewwel Qorti kkonkludiet fuq prigunerija, u allura certament il-multa qatt ma kellha tigi fic-cirkostanzi mposta, u ghalhekk is-Sentenza Appellata ghandha tigi mibdula wkoll fis-sens li tigi abrogata din il-kundanna tal-hlas tal-hames mitt Ewro (Ewro 500) multa imposta fuq l-imputat / Appellanti.

(vii) Illi din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell qeghda tigi mitluba biex tibdel is-Sentenza Appellata fis-sens illi jekk il-Prosekuzzjoni ghamlet talba ai fini tal-Artikoiu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan biex l-Imputat ihallas l-ispejjez inkorsi mal-hatra ta’ Periti u Esperti, id-decizjoni tal-Ewwel Qorti ghandha tigi mibdula fis-sens li l-Imputat / Appelianti m’ghandux ikun obbligat li jhallas l-ispejjez involuti fil-hatra tal-Espert fl-ammont ta’ tmienja u tletin Ewro (Ewro 38) u dan mhux biss fil-parametri tat-talbiet li qeghdin hawn jigu sottomessi quddiem din ii-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, imma li kien id-dover tal-Prosekuzzjoni li jekk ser tressaq lill-Imputat akkuzat, trid iggib il-provi lesti w adekwati biex l-imputat ikun jaf fuq hiex kien qed jigi akkuzat u jkun jista’ jiddefendi lilu nnifsu u mhux kellna Prosekuzzjoni li akkuzat minghajr ma kienet armata b’ebda provi (nuqqas li gie bl-aktar mod kategoriku muri fil-mori ta’ din il-kawza) u ghalhekk certament taht l-ebda cirkostanzi ma kellu l-Imputat / Appellanti jigi ordnat mill-Ewwel Qorti biex ihallas ghan-nuqqasijiet tal-Prosekuzzjoni aktar u aktar meta din ma gabet ebda provi li b’xi mod issostanzjaw jew ikkonsolidaw ikkjarifikaw jew ma hallew lanqas l-icken

dubju li l-imputat / Appellanti kien hati lanqas biss ta' wahda mill-erba' akkuzi fil-konfront tieghu.

(viii) Illi din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell qeghda tigi umilment mitluba wkoll biex tibdel is-Sentenza Appellata fis-sens illi l-imputat jigi lliberat mill-kundanna ghal piena karcerarja ta' sentejn pero' bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin u dan peress illi fl-ewwel lok ma kien hemm ebda reat kontinwat skond l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif imfisser u sottomess, u anka billi bl-ebda tigbida tal-immaginazzjoni l-effetti tal-Artikolu 82A u dak tal-Artikolu 72 ma huma abbinati bhala piena fil-Kodici Kriminali w ghaldaqstant l-imputat ghandu jinheles minn din il-piena karcerarja ta' sentejn sospiza ghal erba' snin ghas-semplici raguni li ma kien hemm ebda bazi la legali u lanqas fattwali ghala l-Imputat kellu jinstab hati tal-akkuzi kollha globalment u kkundannat globalment kif gia gie mfisser fir-ragunijiet ghala sar dan l-Appell u fit-Talbiet li s'issa gew sottomessi quddiem din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali.

(ix) Illi jekk ghall-grazzja tal-argument din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell tara li fic-cirkostanzi l-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti kienu gustifikati bhala fatti u f'parametri legali, allura umilment din il-wisq Onorabbli Qorti hija mitluba biex tbiddel, tvarja u timmodifika l-piena tal-Ewwel Qorti fis-sens illi galadarba l-imputat / Appellanti gie dikjarat mill-istess l-Ewwel Qorti fis-Sentenza taghha bhala 'a first-time offender' twissija minn din il-wisq Onorabbli Qorti lill-imputat / Appellanti dwar konsegwenzi futuri li jista' jkun hemm f'kazijiet simili ghandha tkun ferm aktar minn sufficjenti li wara kollox dan huwa kaz li qed jimrah f'materja fattwali u legali gdida ghall-Qrati tal-Gustizzja Maltin u li jimpingi bl-aktar mod qawwi fuq drittijiet u libertajiet fundamentali li f'pajjizna diga' ilhom protetti bhala drittijiet u libertajiet fundamentali legalment, aktar u aktar issa li Malta hija Membru Shih tal-Unjoni Ewropeja.

Tant ghandu x'jissottometti bl-akbar umilta', qima u rispett l-imputat / Appellanti Norman Lowell : Id number 621346(M) lil din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell

Kriminali ghall-evalwazzjoni taghha tal-kontenut ta' dan ir-Rikors tal-Appell odjern, li jista' jidher kemm xejn twil, biss wiehed irid izomm quddiem għajnejh li kellha tigi evalwata Sentenza ta' mija u sbatax-il faccata (l-itwal Sentenza fil-kamp tas-Sentenzi mill-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali), Atti Processwali ta' hames mija u hamsa u hamsin faccata (555) u fuq kollox minħabba n-novita' ta' dan il-kaz u partikolarment l-interpretazzjoni fil-qasam Kriminali tal-Artikolu 82A. l-Artikolu 72, jekk hux il-kaz li dawn qatt kellhom jigu abbinati fil-parametri tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-piena ghala inghatat fic-cirkostanzi u kif inghatat, u fuq kollox il-glieda ghal dak li ahna bhala pajjiz u cioe' Demokrazija Libera li thaddan il-principji fundamentali tal-liberta' tal-Espressjoni, tal-Opinjoni, tal-Hsieb. tal-Komunikazzjoni u ta' kif dawn l-erba` libertajiet u drittijiet fundamentali jigu mgħoddija lil terzi. Illi dawn tal-ahhar ghandhom ukoll id-drittijiet taghhom pero' l-Artikoli 82A u 72 ghandhom elementi essenzjali ristrettivi fil-Kamp Kriminali li min iressaq lil xi hadd akkuzat bihom, irid jipprova fir-rigward tal-Artikolu 82A li kien hemm il-hsieb li b'hekk titqajjem mibeghda razzjali jew b'hekk johloq il-probabilita' li meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem mibeghda razzjali u fir-rigward tal-Artikolu 72 li jrid ikun hemm tabilhaqq disprezz fir-rigward tal-persuna tal-President ta' Malta, li la f'kamp u lanqas fl-iehor ma l-Prosekuzzjoni rnexxielha tressaq ebda prova u cioe' mhux ma mexxilhiex tressaq ebda prova sodisfacenti li ma thalli lanqas l-icken dubju tal-htija tal-imputat, imma a dirittura ma ressqet ebda prova. Illi zid ma' dan il-preokkupazzjoni li l-Imputat / Appellanti kellu bil-mod kif giet miktuba s-Sentenza Appellata dwar ir-rwol tal-Qorti Kriminali li ghandha tkun funtana ta' imparzjalita' w indipendenza u tiġġudika biss fuq il-provi li tressaq naha fil-konfront tan-naħa l-oħra u mhux li fi kliem l-istess l-Ewwel Qorti sservi ta' bilanc man-naha li qed takkuza biex tipprotegi l-interessi tas-socjeta' in generali bhal ma hemm f'dik is-Sentenza li tkexkex f'pagna 116 ***"din il-piena ghandu jkollha l-effett ta' mannara sabiex l-imputat jifli l-kliem tieghu qabel ma jesprimi ruhu fil-futur". '***

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

L-aggravji tal-appellant fil-qosor huma dawn li ġejjin:

(1) Li s-sentenza mogħtija fil-konfront tal-appellant hija nulla għaliex l-imputat ma tressaqx akkużat b'xi aġir li jikkonċerna dak li seta' lissen u kif ilissnu imma kien akkużat fuq akkużi speċifiċi. L-Ewwel Qorti sabet lill-appellant ħati fuq imputazzjoni li ma kienx akkużat biha. L-Ewwel Qorti ħadet atteġġjament morali fis-sentenza.

(2) Il-Prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova ħlief il-fehma personali tas-Supretendent Peter Paul Zammit.

(3) Il-Prosekuzzjoni talbet bidla fid-data tal-Ewwel Imputazzjoni fit-23 ta' Frar 2007 meta l-appellanti kien diġa' iddepona. Għalhekk għandu jkun illiberat mill-ewwel imputazzjoni.

(4) Il-Qorti ppermettiet li jitmexxew erba' imputazzjonijiet fi żminijiet differenti kontra l-appellanti. L-erba' akkużi ma jirreferux għall-istess dispożizzjoni tal-Liġi. L-imputazzjoni dwar tixwix għal mibegħda razzjali m'għandhiex x'taqsam mal-imputazzjoni dwar id-disprezz lejn il-President ta' Malta. Għalhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti injorat it-tifsira tal-artikolu 18 tal-Kap 9.

(5) (Ir-raba' raġuni) Il-Prosekuzzjoni ma ġabet ebda prova assolutament li l-appellant kellu xi ħsieb li jqajjem mibegħda razzjali li jew joħloq il-probabilita' li jqajjem mibegħda razzjali. Is-Supretendent Peter Paul Zammit qal li l-proċeduri mxew għaliex, skont il-fehma tiegħu, il-kliem kien jammonta għal mibegħda razzjali. Minn qari tal-artikolu 82A tal-Kap 9 jrid jirriżulta ċar li l-kliem kien kontra xi grupp partikolari. Is-subartikolu (2) tal-artikolu 82A jgħid xi tfisser mibegħda razzjali. L-'International Convention on the Elimination of all forms of racial discrimination' m'għandha x'taqsam xejn mal-akkuża.

(6) (Il-ħames raġuni) Iċ-ċittadin ordinarju bl-ebda mod ma jikwipara dak li qal l-appellant ma’ mibegħda razzjali. Għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati għamlet apprezzament ħażin tal-fatti.

(7) (Is-sitt raġuni) L-artikolu ‘Coming Catalclysmic Crisis’ (63 sa 75) inkiteb fis-sena 2003 fi sfond ta’ dak li kien ġara fit-Twin Towers. Barra dan l-appellanti huwa awtur u artist. Dak li kiteb l-appellanti ma jinkwadrax ruħu fl-artikolu 82A tal-Kap 9. L-appellant m’għandu xejn kontra ħadd u la kontra l-Afrikani, la kontra s-suwed u lanqas kontra l-Għarab. Huwa għandu t-teżi li kull kontinent għandu jżomm in-nies tiegħu. L-artikolu juri x’qed jiġri fid-dinja minħabba l-multikulturaliżmu. Ma jistax ikun li individwi jibdew jibżgħu jiktbu dak li jħossu f’pajjiż ħieles. L-appellanti għamel referenza għall-ktieb ta’ Karen Read dwar dak li tgħid din l-awtriċi vis a vis id-dritt tal-liberta’ tal-espressjoni. Il-Prosekuzzjoni trid iġġib prova li kien hemm il-‘mens rea’. Għalhekk l-appellant ma jistax jinstab ħati tat-tielet akkuża.

(8) (Is-seba’ raġuni) Disprezz lill-President. Wieħed irid ikollu l-intenzjoni li jiddisprezza lill-President ta’ Malta biex jinstab ħati ta’ din l-imputazzjoni. L-artikolu 18 bl-ebda mod ma għandu x’jaqsam ma’ din ir-raba’ akkuża. Il-Prosekuzzjoni naqset li ġġib il-prova ta’ din l-intenzjoni. Ma hemm ebda disprezz billi tgħid li l-President huwa ġardinar tajjeb għaliex il-ġonna ta’ San Anton miżmuma tajjeb waqt li tgħid li mhux President tajjeb. Din hija rimarka li tista’ ssir f’demokrazija. Il-Qorti tal-Maġistrati naqset li tidħol fil-fond tat-tifsira tal-artikolu 72. Żgur li dan ma kienx reat kontinwat. L-appellant qatt ma qal li għandna nobogħdu lill-Immigranti Illegali. Il-Prosekuzzjoni ma kellhiex toqgħod fuq dak li jidher fil-ġurnali fejn għandha x’taqsam mibegħda razzjali (Racial Hatred) u m’għandhiex tiehu passi minħabba din il-pressjoni. (fol 557). Ir-referenza f’paġna 14 tas-sentenza hija totalment irrelevanti għax m’hemm xejn fl-atti ġudizzjarji dwar dan il-punt. L-ispettur George Cremona ammetta li l-appellant ikkopera magħhom matul l-investigazzjoni u qal ukoll li ma semgħux nies jitkellmu ‘viva voce’ fuq il-kontenut tal-website. Id-difiża tinsisti li

hemm distinzjoni bejn l-ewwel tliet akkużi u r-raba' waħda. Il-Prosekuzzjoni naqset li ġġib xi prova li l-appellanti ddisprezza l-President. Bejn li jkollok l-intenzjoni tad-disprezz u bejn li tgħid xi kliem li jistgħu ikunu interpetati li qed iweġġgħu jew imaqdru jew iwaqqgħu għaż-żufjett lil xi ħadd hemm differenza sostanzjali.

(9) It-tmien raġuni. (Ara par.4 – ir-raba' raġuni kif ukoll il-paragrafu dwar il-bdil fid-data ara par.3). Ix-xhieda ħadd minnhom ma kkonkluda xi ħsieb li jinkwadru ruħu f'dawn l-erba' akkużi. Il-biċċa kbira tal-poplu Malti lanqas biss kienu semgħu bl-artikolu 'The Coming Cataclysmic Crisis' jew bil-Moviment 'Imperium Europa.' Il-pubbliċita' tal-ħsibijiet u d-diskorsi għamluhom biss il-mezzi ta' komunikazzjoni u l-Prosekuzzjoni. Ma nistgħux nikkundannaw lil kull min jesprimi ħsibijietu. Ma jistax ikun li l-President ħassu offiż bil-kliem li qal l-appellant. L-Ewwel Qorti naqset li tikkundanna lill-appellant għal kull waħda mill-akkużi. L-appellant irrefera wkoll għall-kliem li jidhru fil-paġna 99 fejn il-Qorti qalet li:

*'huwa ta importanza kbira li l-Qorti tipprova tiddixerni dak li ċittadin ta' intelliġenza ordinarja u normali jifhem meta jaqra l-artikolu inkriminanti jew jisma' d-diskors magħmul mill-appellant*.'

Ir-referenza fl-artikolu 'The Coming Cataclysmic Crisis' mhix għall-Musulmani iżda għal-Lhud. Għalhekk mhux kif qalet l-Ewwel Qorti. Lanqas huwa minnu li l-appellant qed jipprova jirredikola in-nies li jiġu mill-Afrika. L-appellant joġġezzjona wkoll għall-konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati a fol 108

'm'hemmx dubju li dan l-artikolu huwa wieħed li jirrifletti l-mibegħda razzjali li għandu l-Imputat.' (fol 108) u din t'hawn taħt

'min isegwi dawn id-diskorsi minnufih jinduna li l-Imputat qed jipprova jirredikola n-nies li jiġu mill-Afrika u ċertament jitfa' dell ikrah fuqhom għad-differenza tal-Ewropej. Żgur li dan it-trattament huwa razzjali' (fol 106).

Skont l-appellant m'hemm ebda mibegħda razzjali fil-kontenut tal-artikolu jew tad-diskors. Huwa jissottometi wkoll li jekk insejħu lill-President ta' pajjiżna bħal Presidenti tal-Afrikani ma nkunux qed ninsolentawh. Lanqas ma qed nuru nuqqas ta' rispett lejn il-President ta' Malta meta nsejħulu 'ġardinar.' L-appellanti ma riedx jiddisprezza lill-President ta' Malta. L-appellant qatt ma kien akkużat bl-artikolu 70. Il-Qorti tal-Maġistrati ma tagħmilx referenza għal kull waħda mill-akkużi separatament. Kulma tagħmel il-Qorti hu li l-ewwel tliet akkużi huma identiċi. Skont l-appellant dawn m'huma identiċi xejn u għalhekk ma setax ikun applikat għalihom l-artikolu 18. Il-Qorti mkien ma tgħid li sabet lill-appellant ħati tar-raba' akkuża. F'paġni 115 u 116 iddikjarat li sabet lill-appellant ħati tal-akkużi kollha kontra tiegħu iżda naqset li tagħmel referenza għar-raba' akkuża wara li ddikjarat li l-ewwel tliet akkużi kienu naxxenti mill-istess Artikolu 82A. Il-Qorti kellha tidentifika akkuża waħda wara l-oħra. Għalhekk is-sentenza hija invalida.

**It-Talbiet tal-appellant fil-qosor.**

Fit-talbiet tiegħu l-appellant talab ir-revoka tas-sentenza minħabba bdil fid-data fi stadju avvanzat, għax li l-Ewwel Qorti ħadet in-naħa tal-Prosekuzzjoni (e) u (h), għax l-Ewwel Qorti naqset li tikkundanna lill-appellant għal kull imputazzjoni, għax l-erba' akkużi ma setgħux jinkwadraw ruħhom fil-parametri tal-artikolu 18 minħabba li m'hemm ebda abbinament bejn l-artikolu 82A u 72, għax il-Qorti ma speċifikatx jekk l-appellant hux ħati tal-ewwel akkuża jew tat-tieni akkuża, jew tat-tielet akkuża u tar-raba' akkuża, li l-appellant ma tkunx imposta fuqu l-piena tas-sentenza tat-28 ta' Marzu 2008, tiddikjara l-ewwel akkuża kontra l-appellant bħala nulla u invalida u timmodifika l-pieni imposti, li l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx tikkundannah iħallas multa jew tibdel is-sentenza msemmija billi tilliberah minn kull ħtija dwar l-ewwel imputazzjoni, tilliberah minn kull ħtija mit-tieni imputazzjoni, kif ukoll tat-tielet imputazzjoni, u tar-raba' imputazzjoni, tilliberah fir-rigward li l-appellant nstab ħati ta' reat kontinwat, li m'għandux iħallas l-ispejjeż tal-

esperti, jiġi liberat mill-piena imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati, u fl-alternattiva, tbiddel u tvarja l-piena.

Rat is-sentenza tal-15 t'Ottubru 2008 li biha ir-rikors tal-appell kien iddikjarat null.

Rat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-28 ta' Frar 2011 li ħassret is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-15 t'Ottubru, 2008 fl-ismijiet 'Il-Pulizija v Norman Lowell' limitatament fuq il-punt li kien tqajjem mill-Prosekuzzjoni li r-rikors tal-appell (kriminali) kien null għaliex ma kienx fih il-fatti fil-qosor. Din is-sentenza kienet limitata għall-kwistjoni ta' jekk kienx hemm dawn il-fatti u ma tgħid xejn dwar in-nullita' tat-talbiet kif redotti mill-appellant.

Rat ukoll il-verbal ta' din il-Qorti li fih irreferiet il-kwistjoni ta' natura Kostituzzjonali u Konvenzjonali mqanqla mid-difiża dwar li l-appellant ma kienx assistit minn avukat waqt l-istqarrijijiet tiegħu fil-headquarters tal-Pulizija. Il-Prim'Awla ċaħdet it-talba tal-appellant u ma kienx hemm appell minn din is-sentenza.

Semgħet ukoll il-Prosekuzzjoni fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2012 tagħmel refernza għat-tieni raġuni dwar in-nullita' tal-appell minħabba li fl-aħħar disa' talbiet tiegħu, meta kellu jitlob it-taħsir tas-sentenza l-appellant talab it-tibdil. Dan il-punt qatt ma tqajjem quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Il-Qorti ser taghti d-deċiżjoni tagħha dwar dan il-punt aktar 'l isfel.

Ikkonsidrat

**L-Eżerċizzju ta' din il-Qorti dwar Punti ta' Fatt**

Il-Qorti tal-Appell Kriminali bħala regola ma tiddisturbax il-konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm il-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għal dik il-konklużjoni raġonevolment u legalment.

Waqt li din il-Qorti tirreferi għas-sommarju tax-xhieda magħmul fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, hija xorta

waħda għarblet dak kollu li ntqal u li kien ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati sakemm dan kien relevanti.

**Sommarju tax-xhieda**

Xehed għall-Prosekuzzjoni is-Supretendent (illum Kummissarju tal-Pulizija) Peter Paul Zammit li ppreżenta għadd ta' dokumenti. Il-Qorti tal-Maġistrati ma ħaditx konjizzjoni ta' Dok PPZ1 peress li d-dokument ma kienx integru u kien fih diversi partijiet neqsin minħabba li kien hemm xi kliem neqsin minħabba li s-site hija miftuħa ħafna iżjed mill-paġna li fuqha sar il-printing. Filfatt bħala PZ2 huwa ippreżenta l-ewwel faċċata tas-site u rrefera għal dak li jidher fuq in-nħa estrema tal-lemin fejn hemm miktub 'Norman Lowell May Day Monday Clubs Beach video. Ix-xhud niżżel minn fuq is-site u kkopja fuq CD. Mill-istess site tniżżel l-artikolu 0312 – intitolat 'Coming Cataclysmic Crisis'. (Dok.PZ 4). Israel huwa deskritt bħala stat terrorist u Hitler bħala 'hero'. Ix-xhud irrefera wkoll għall-kliem 'The Tribe' b'referenza għall-Israel waqt li tidher ukoll is-sentenza 'the vipers then in the Middle East where every international road enters and retires.' Il-Lhud huma deskritti bħala parasiti. Hemm paragrafu ieħor li jibda bil-kliem 'War is self-overcoming' u jispiċċa 'inferior races.'

Mill-istess xhud saret referenza għall-meeting li sar fin-Nigret fit-30 t'April, 2006. Dan huwa recording ta' x'qal l-appellant lil diversi nies. Ix-xhud irefera għall-kliem bħal 'vicious Sudanese', u 'Malta tintebaħ bin-Negri', 'scuttle their boats' 'inkun li nagħti l-ordni to shoot.

It-tieni video huwa recording ta' diskors li għamel l-appellant fit-8 ta' Mejju 2006 ġewwa Fra Ben. Il-President ta' Malta kien deskritt bħal l-President Dumumba' u 'you are a .....good gardener but a lousy President, another...of the enemy we are facing. Kliem ieħor li x-xhud elenka kienu 'Afrikani tal-Katanga', 'ipokriti Kristjani, Kristjani u Marxisti', 'indaħħallhom il-froxxna bejn għajnejhom u 'qarnita sewda b'għajnejha ħodor.

Fil-kontro-eżami, ix-xhud qal li huwa kien għamel highlighting ta’ dak li fil-fehma tiegħu kienu eżempji ċari fejn l-imputat ma kienx mexa mal-Liġi. Kemm in-Nigret kif ukoll Fra Ben huma postijiet miftuħin għall-pubbliku. L-imputat kien ikkonferma li kien il-persuna responsabbli għal dak li hemm fl-artikolu u fil-videos.

Fl-istqarrija tiegħu tas-27 ta’ Mejju 2006, l-imputat qal li l-Imperium Ewropa jorganizza ma monthly Monday club, laqgħa ta’ kull sena, u barbecue darba fix-xahar. Huwa qal li fl-aħħar xahrejn kienu saru meetings fi Fra Ben u n-Nigret Night club. Huwa kien ra dawn il-meetings kif imxandra minn fuq is-site u kkonferma li dak li kien hemm fuq is-site kienu d-diskorsi tiegħu. Huwa nnega li kien hemm xi mibegħda razzjali. Qal li huma kienu jħobbu lil Malta. Huwa ddsekriva bħala mibegħda meta ‘dak in-negru’ ħaraq il-karozza ta’ dak is-suldat jew meta kienu jsawtu lill-Pulizija. Ġieli kien hemm mumenti meta l-amministrazzjoni tal-‘forum’ iċċensuratu jew għal raġunijiet politiċi jew minħabba xi kelma volgari. Fl-artikolu ‘The Coming Cataclysmic Crisis’ hemm referenza għall-problema tal-Lhud li hija problema mondjali. Huwa qal ukoll li ‘War is life’ li hija frażi ta’ Ernst Junger. L-udjenza fin-Nigret kienet madwar mija waqt li fil-Fra Ben kienu bejn tletin u erbgħin. L-imputat qal ukoll li qatt ma kien ser jaċċetta l-liġi dwar mibegħda razzjali. Il-liġi tmur kontra l-liberta’ tal-espressjoni.

Fit-tieni stqarrija tas-27 ta’ Mejju 2006, l-imputat kultant għażel li ma jweġibx. Lejn l-aħħar parti huwa qal li kienet mossa politika li qabdu miegħu. F’dak is-sajf kien possibbli li niġu nvaduti b’ħafna eluf.

L-ispettur George Cremona ikkonferma l-preżenza tiegħu waqt l-istqarrijiet.

Fl-4 t’Awwissu 2006, Dr Stephen Farrugia Sacco ppreżenta r-relazzjoni tiegħu billi għamel transcript tas-CD.

Mill-ispeech li sar fin-Nigret nhar it-tletin t’April 2006 joħorġu dawn is-siltiet:

‘We did not condemn what happened to the Jesuits, we didn’t condemn it and we never will, qatt mai..mela le. Ma niħux gost imma mhux nikkundannah.....Fetaħ il-bibien ta’ Malta għall-barrani, qegħdin jikluna. Hawn Malta l-barranin li ġew qed jagħmlu li jridu, għax we are disarmed.

We do not need it (the violence) aħna.

Jafu (il-Ġiżwiti) li l-pajjiż kontrihom, mela a chi giove quel incidente, biex jiġbdu simpatija, la taf li n-nazzjon kontrik, biex tiġbor is-simpatija..

British people are terrified to go to a state run hospital because the nurses and the doctors are Muslims. They blew up the underground system. Why shouldn’t they infect you with some poison in your drip or contaminate the food in hospital. They could do it. The nurses...you’ll be anesthesized on a bed, you’re at their mercy....

Their religion is very adverserial. Tells them to kill the enemy.

Aħna ser niġu anjentati come popolo, come stirpe,come civilta’, come paese. Kif saret l-Ingilterra, you can’t go anywhere u bdiet Malta.

A fol 25 tar-relazzjoni jissemma tentattiv ta’ rape minn iswed waqt li a fol 26 saret referenza għall-każ fejn raġel ta’ karnaġġjon sewda ħa l-ġiżirana ta’ persuna oħra permezz ta’ sikkina. U ma’ dan tidher din il-frażi: ‘Attacked twice the same family, this is where we are going.’

A fol 27 il-kelliemi jirreferi għall-każ li ġara fil-knisja ta’ Ġieżu l-Belt meta daħal raġel u b’arroganza beda jiċċalinġja ‘l kulħadd. Qed jaħsdu l-irwiefen.

A fol 29 ‘ il-poplu qed jinduna that we are being taken over. U il-kbir għadu ġej. Dan meta darba mijiet ta’ Sudanese whose applications have been turned down.

They are vicious violent men traiend for war.....There are four hundred of them.

Now should they decide not to go home, għidli kif se tagħmel biex tpoġġihom fuq ajruplan dawn.

U a fol 30 'In six weeks flat aħna nnaddfu 'l Malta. Malta will be the first European country refugee free. Not one. Not one!'

F'paġna 32 jidher dan il-kliem: 'Il-ġrieden tad-dranaġġ imxerrdin mad-dinja kollha dawk, mhux ser insemmuhom għax inkella nintlew bil-baqq u l-briegħed.

........It-Taljani mbagħad jibdew jgħidulna, żommuhom ftit ieħor ta għax qed nippreparawlhom id-detention centre, u l-Malti nfteħ bin-negri (daħk fl-isfond) ....Imbagħad jeħduna huma because they will take over.

U l-ispeech tat-8 ta' Mejju 2006. A fol 42 'Inkomplu ninkatenawh lill-poplu u nġagħluh jimpika ma' nies li ġejjin mis-sub sahara in Africa.

Int mhux President ta' dawn li vvutaw . Jew President tal-Afrikani. San Anton, il-ġonna qiegħed iżżommhom tajjeb ħafna, il-fjuri bellezza, you are a --------good gardener but a lousy President I can assure you........Ara kieku jaddottaw xi Kenjan jew xi Niġerjan, żgur tmur tippoża għar-ritratti...Dak iva, kieku jaddottaw Afrikan tberikom.

A fol 47 'U mhux jiġi Għarbi jew Negru u jgħidlek li int razzist. Waqt li kont il-Qorti, il-Prim Ministru kellu zakkiriera f'rasu u mar ġos-sinagoga. Mar għand l-istess nies li tefgħu l-ewwel ġebla kontrina....Dawn it-tribu' laqgħuh with multiple standing ovations. ..

A fol 48 'Kif qalu t-Taljani fl-Ewwel Gwerra 'non passa lo straniero'. U hekk se nagħmlu. We've drawn the line on the sand and we vow that you will not cross the line, you traitors.

A fol 49 ‘This summer ser inkunu nafu jekk dal-pajjiż hux ser jintilef jew le. Erbat ijiem oħra ser joħorġu erba’ mija oħra mid-detenton centres,l-istess nies li kisru, l-istess neis li ħarqu, li ramew l-ikel, li ferew lill-Pulizija u lis-suldati. Dawn ser nitilquhom fit-toroq, sitt mija, għalfejn, biex jagħmlu post għall-oħrajn li ġejjin.

A fol 57 Mario azzopardi jrid jibgħat lil talp-Katanga fl-iskejjel. Nibagħtu lil dawn tal-bangels and bones.

A fol 64 ‘Ma rridux tfal tagħna jimpikaw ma’ tal-Katanga u tal-Mozambique.’

Fit-12 ta’ Settembru 2006, l-Avukat Ġenerali bagħat l-artikoli li huma 18, 72, 82A(1)(2), 31, 30, 20, u 533 tal-kap 9 (fol 121).

Dr Stephen Farrugia Sacco reġa’ xehed fis-6 t’Ottubru 2006. Huwa qal li lilll-imputat kienu qed iċapċpulu. Huwa sema’ c-cheering iżda ma rahx għaliex il-camera kienet iffokata fuq l-imputat.

Skont il-verbal tat-18 t’Ottubru 2006 (fol 125) kien muri s-CD esibit flp-atti fl-awla u l-prosekuzzjoni indikat dik il-parti li fil-fehma tagħha tikkostitwixxi mibegħda razzjali. Il-partijiet qablu li l-kelliem fil-laqgħat imsemmija kien l-imputat u li kellu udjenza (fol 126).

**Xhieda tal-imputat.**

L-imputat xehed li kien qed jikkonferma l-istqarrija tiegħu. Ix-xhud qal li l-Imperium ikollu l-frontieri tiegħu u kull razza tgħix skont il-kultura tagħha. L-imputat qal ukoll li hu qatt ma ried li xi ħadd imur joqtol lil ħadd ieħor jew jagħmel ħsara lil ħadd ieħor. Huwa kkonferma li l-artikolu ‘Coming Cataclysmic Crisis’ deher fuq l-internet u kien hu li ppostjah fuq is-site Viva Malta. Meta kiteb l-artikolu ma kellu ebda intenzjoni ta’ mibegħda razzjali u fl-artikolu hemm il-bażi politika tiegħu. Dwar il-President, ix-xhud qal li hu ma qal xejn ħażin iżda esprima l-fehma tiegħu li l-President ma kellux jindaħal f’ċerti affarijiet. Huwa żied

jgħid li fl-ebda diskors li għamel ma kellu l-intenzjoni li jqajjem mibegħda razzjali.

Ix-xhud imbagħad għadda biex jispjega l-ispeech tiegħu (fol 138 et) u nsista li l-messaġġ tiegħu kien wieħed politiku. Huwa qabbel dak li qed jiġri hawn Malta ma' dak li ġara fir-Rhodesia u fl-Afrika tan-Nofs in-Nhar. Kienet ħarġet press release għad-difiża tagħhom stess. Is-sitwazzjoni in kwistjoni ġġib perikolożita' fis-sens li jkollna soldati bil-hepatitis u li tinxtered l-AIDs fost il-poplu. Il-vjolenza ma jikkundannhiex għax jifhimha (fol 141). Bħala riżultat tal-ispeech, ma jidhirx li ġara xi ħaġa f'Malta. Fl-Ingilterra illum jgġid li Powell was right. Fil-fehma tiegħu z-Zionisti ma kkalkulhawhiex lil Malta u għamlu żball kbir għaliex llum hawn din il-vuċi ta' liberta' aperta. Dak li ried jgħid fl-ispeech tiegħu kien li jekk ser inkomplu nħallu dawn in-nies deħlin Malta, ser ikollna l-istess terroriżmu li għaddejja minnu l-Ingilterra. Meta tkellem dwar il-knsija ta' Ġiesu, huwa kien qed jirreferi meta kien daħal wieħed iswed u kisser kurċifiss. Ix-xhud qal li ma jistax ma jikkumentax dwar telf mill-patrimonju ta' Malta u għal dan ma kellux għalfejn jitqies razzist. Żied jgħid li l-Monday club kien fit-3 t'April u mhux fit-30 t'April. Probabbli din kienet id-data ta' meta ttella' l-ispeech fuq il-web site. L-imputat kompla jixhed li ma ħassx li kienet ħaġa f'postha li l-Prim Minsitru jmur fis-sinagoga. L-imputat innega li huwa razzist. (Kienu esibiti d-dokumenti li jinsabu minn paġina 152 sa 161.

Imbagħad l-imputat ta x-xhieda tiegħu dwar l-artikolu 'Coming Cataclysmic Crisis' a fol 164 et. Meta uża l-frażi 'those internationally manipulated scattered throughout the globe' kien qed jirreferi għall-forzi plutokriatiċi li ffinanzjaw ir-rivoluzzjoni komunista tal-1917. Huwa qal li l-Italja dejjem kienet il-mira ċentrali tal-Israel. Ix-xhud spjega wkoll li huwa ried li Ċipru jerġa' jkollux kultura Griega. Dwar is-sentenza 'that vipers' den in the Middle East..' mhix tirrifletti mibegħda iżda love for one's country. Huwa ddeskriva d-diskors tiegħu bħala politiku u mhux razzjali.

A fol 170, il-Prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fid-data li tidher fl-ewwel akkuża biex flok 20 t'April, din issir 3 t'April. Il-Qorti laqgħet it-talba. (ara fol 190).

Wara dan il-verbal xehed il-Kavallier Jonathan Paul Cuschieri li kien preżenti fil-laqgħa li saret fil-Fra Ben. Ma kienx hemm sentimenti ta' rabja jew aggressjoni fost l-udjenza. Lanqas ma ġara xi ħaġa fil-pajjiż wara l-laqgħa tan-Nigret. Huwa kien qara l-artikolu 'The Coming Cataclysmic Crisis' u ma kellu ebda reazzjono sensazzjonali wara.

Is-Supretendent Peter Paul Zammit xehed li huwa kellu kompitu partikolari li għandu x'jaqsam ma' mibegħda razzjali. Huwa ma kellu ebda struzzjonijiet politiċi biex imexxi kontra l-imputat. Imma kien ġie a konjizzjoni tiegħu bħala riżultat ta' dak li qal l-imputat.

Xehed ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo li qal li ma kienx hu li nvestiga l-każ. Huwa kien qabel mal-investigaturi li jittieħdu passi kontra l-imputat. Dak li ntqal fil-media instiga l-investigazzjoni odjerna.

Xehed Lou Bondi' fil-31 ta' Lulju 2007 a fol 200. Huwa qal li kien ħadu film ta' speech tal-imputat ħdejn il-barracks ta' Ħal-Safi. Kienu kkwotaw xi siltiet minnu waqt programm li jiġbed madwar 70,000 ruħ. Huwa qal li l-imputat-appellant kien esprima ideat dwar x'għandu jsir bl-immigranti illegali li fil-fehma tax-xhud kienu pjuttost estremi. Ma jidhirlux li kien hemm xi konsegwenzi soċjali wara l-ispeech tal-appellant. Ix-xhud qal li l-appellant iħobb juża l-frażi 'lifgħa sewda tielgħa mill-parti t'isfel 'l fuq' meta jkun qed jirreferi għall-immigranti irregolari. Is-soluzzjoni għall-immigrazzjoni illegali li beda jagħti l-appellant kienet l-armata toħroġ 'il barra u jordnaw lill-immigranti jerġgħu lura għal darba, tnejn u imbagħad l-imputat kien jagħmel subgħajh 'l isfel. (fol 203).

Xehed Joseph Scicluna qal li l-ambjent fin-Nigret kien wieħed ta' ħbieb u ma kien hemm ebda reazzjoni partikolari għad-diskors tal-appellant. Huwa qies l-artikolu

'The Coming Cataclysmic Crisis' bħala artikolu ta' opinjoni ta' x'jista' jiġri fil-futur.

Xehed Godwin Micallef li qal li jattendi l-meetings tal-appellant. La hu u lanqas in-nies ta' madwaru ma kienu jitqanqlu b'dak li kien jgħid l-appellant. Huwa qies l-artikolu msemmi fil-paragrafu ta' qabel dan huwa ritratt ta' x'jista' jiġri fil-futur.

Id-difiża ppreżentat għadd ta' dokumenti li jinsabu a fol 220 sa 285. Inklużi f'dawn id-dokumenti insibu l-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u c-Charter of Fundamental Rights Of the Euroepan Union (artikolu 11), artikoli dwar għandhomx ikunu esklużi plays ta' Shakespeare jew novels bħal 'Gone with Wind' u 'artikoli intitolati 'A Scientist explains the genetic basis of nationalism'.

Il-Qorti tal-Maġistrati tat digriet (12 ta' Settembru 2007) a fol 287 dwar l-eċċezzjoni mqajma mid-difiża dwar in-natura taċ-ċitazzjoni redatta kontra l-appellant u ddeċidiet li ċ-ċitazzjoni kienet in linea mal-artikolu 360(2) tal-Kap 9 u għalhekk ċaħdet l-eċċezzjoni tad-difiża.

Kemm id-difiża kif ukoll il-Prosekuzzjoni ppreżentaw noti ta' sottomissjonijiet (fol 305 sa 397).

Il-kawża kienet deċiża fis-27 ta' Marzu, 2008 (fol 416 sa 533).

Din il-Qorti tagħmel referenza għas-sommarju tax-xhieda u tad-dokumenti magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati.

**Punti Legali dwar l-artikolu 82A tal-Kap 9 li għandu x'jaqsam mal-ewwel tliet imputazzjonijiet**

**L-Artikolu 82A tal-Kap 9**

L-Artikolu 82A tal-Kap 9 kien miżjud bl-Att Numru III tas-sena 2002. L-ewwel subinċiż tiegħu jgħid hekk:

'(1) Kull min juża kliem jew imġiba ta' theddid, abbużivi jew insolenti, jew jesibixxi xi materjal miktub jew stampat li

jkun ta' theddid, abbużiv jew insolenti, jew xort'oħra jġib ruħu b'dak il-mod, bil-ħsieb li b'hekk iqajjem vjolenza jew mibegħda razzjali jew b'hekk joħloq il-probabbilita' li, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem vjolenza jew mibegħda razzjali, jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa tmintax-il xahar.'

L-artikolu 82A kif kien meta ġie miżjud fis-sena 2002 ma kellux il-kelma 'vjolenza' fih.  Din il-kelma daħlet bl-Att XI tas-sena 2009.

L-istess artikolu **kien jidher** mod ieħor meta kien miżjud bl-Att III tas-sena 2002 għaliex is-subinċiż (2) tiegħu kien jgħid hekk:

'Għall-finijiet tas-subartikolu qabel dan 'mibegħda razzjali' tfisser mibegħda  kontra grupp ta' persuni f'Malta, definiti b'referenza għall-kulur, razza, nazzjonalita' (inkluża ċ-ċittadinanza) jew oriġini etnika jew nazzjonali.' [1]

.
L-artikolu 82A għandu dawn  iż-żewġ elementi:

(a) Użu ta' kliem jew l-esbizzjoni ta' kliem stampat li jkun ta' theddid, abbużiv jew insolenti;  (actus reus)

U

(b) il-ħsieb li tqajjem vjolenza jew mibegħda razzjali jew il-probabilita' li titqajjem vjolenza jew mibegħda razzjali (mens rea).

Issa l-istess artikolu jiddefinixxi 'mibegħda razzjali'  u jillimitha għal kontra grupp ta' persuni f'Malta u li din il-mibegħda tirreferi għall-kulur, razza, nazzjonalita' (inkluża ċittadinanza) jew oriġini etnika jew nazzjonali.

---

[1] Il-verżjoni ta' llum hija xi ftit differenti:

'(2) Għall-finijiet tas-subartikolu qabel dan 'vjolenza jew mibegħda razzjali' tfisser **vjolenza** jew mibegħda kontra grupp ta' persuni f'Malta definiti b'referenza għall-kulur, razza, **reliġjon**, **dixxendenza**, nazzjonalita' (inkluża ċ-ċittadinanza) jew oriġini etnika jew nazzjonali **jew kontra xi membru ta' dak il-grupp**.'  Il-kliem b'tipi suwed qawwija huma dawk li ġew miżjuda.

Il-kelma ‘Malta’ għandha l-istess tifsira li tidher fil-Kostituzzjoni fl-artikolu 124 jiġifieri il-Gżejjer Maltin u l-ibħra ta’ madwarhom.

**L-ewwel Imputazzjoni**

Eżami akkurat tad-diskors li sar fin-Nigret fit-3 t’April, 2006 juri ċerti paragrafi fejn il-kelliem qed jindirizza lis-semmiegħa ta’ madwaru sabiex ma jħallux li f’Malta jiġri dak li ġara fl-Ingilterra fejn l-isptarijiet huma f’idejn il-Musulmani u dawn jistgħu saħansitra jitfgħu l-velenu fid-drip. (fol 24 u 25; ara wkoll iżjed ‘il fuq).

Ma’ dawn wieħed irid iżid dak li jidher a fol.25 fejn il-kelliemi jgħid li l-poplu ser jispiċċa bħala ġens u jingħataw żewġ eżempji ta’ nies suwed li attakkaw persuni Maltin A fol 27 il-kelliemi jagħti eżempju ieħor ta’ attakk minn bniedem ta’ ġilda sewda meta daħal fil-knisja ta’ Ġiesu, u, allegatament kisser kurċifiss. Fl-istess paġina jsemmi t-tliet irvellijiet f’Ta’ Kandja u f’Ħal-Safi. Dan ma kienx biżżejjed għaliex a fol 29 isemmi każ ta’ Sudaniż li kellu l-applikazzjonijiet tiegħu miċħuda u jiddiskrivi lis-Sudaniżi bħala ‘vicious violent men trained for war.’ U fl-istess paġna l-kelliem isaqsi min kien ser ipoġġi dawn in-nies fuq ajruplan. Who is going to give the order to shoot? Me? Kieku hemm qiegħed (daħk fis-sottofond). Il-kelliem ikompli jżid id-doża meta jafferma ‘In six weeks flat innaddfu ‘l Malta...six weeks flat. This is our promise. Malta will be the first European (country) completely refugee free. Not one! Not one!’

M’hemmx għalfejn jingħad li f’Malta għandna diversi nies li jħaddnu l-Islam, persuni b’karnaġġjon iswed, Sudaniżi u refuġjati li għandhom oriġini etnika jew nazzjonali differenti minn dik tan-nies li jgħixu Malta. Għalhekk dan il-kliem jista’ mhux biss joffendi lil min jipprattika r-reliġjon musulmana, għandu ġilda sewda, huwa Sudaniż jew huwa refuġjat iżda jista’ jqajjem mibegħda razzjali jew il-probabilita’ ta’ din il-mibegħda razzjonali f’persuni oħra li

jgħixu f'Malta kontra l-gruppi li ssemmew. Il-frażijiet [2]li saret referenza għalihom huma kumulu ta' kliem – frażi iebsa wara frażi iebsa li jaslu fil-climax tagħhom l-ewwel bil-mistoqsija retorika bl-intendiment li kieku l-kellem kien ikun fuq il-post fejn tingħata l-ordni u imbagħad bil-promessa li Malta ma jkollhiex refuġjat wieħed fi żmien sitt ġimgħat. Fil-fehma tal-Qorti dawn il-frażijiet huma l-actus reus.

Id-difiża tissottometti li l-appellant ma kellux l-intenzjoni li tinħoloq mibegħda razzjali u ma ġara xejn wara dan id-diskors. Għalhekk la kien hemm mibegħda razjali u lanqas kienet ippruvata l-probabilita' li ser ikun hemm din il-mibegħda razzjali.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni għaliex it-tonalita' tal-kliem, il-kliem użat u d-diversi eżempji mogħtija juru biċ-ċar l-intenzjoni tal-kelliemi li ried li min qed jisimgħu ma jafdax lill-Musulmani, lil nies li għandhom ġilda sewda speċjalment jekk dawn jikbru fin-numru u jkunu jistgħu jieħdu l-pajjiż f'idejhom u lis-Sudaniżi li qegħdin fosthom. Għalhekk l-element ta-intenzjoni – il-mens rea tal-artikolu 82A tal-Kap 9- ġie ippruvat.

Barra dan, għalkemm effettivament ma ġara xejn, kliem iebes bħalma uża l-appellant dejjem ser joħloq probabilita' li jista' jkun hemm tali mibegħda razzjali kontra grupp ta' nies distintiv li qiegħed f'Malta jew li jista' jkun fl-ibħra ta' madwarha. Jista' jkun ukoll, skont l-artikolu 82A, kontra membru ta' dan il-grupp.

**L-artikolu 82A ma jirrikjedix mibegħda razzjali effettiva bilfors biex jinkiser**.

Huwa biżżejjed li jkun hemm il-'probabilita''. Din il-kelma għandha nozzjoni differenti minn dik taċ-'ċertezza'. Terġa' u tgħid, il-kelma 'probabilita'' għandha konnotati ferm inqas qawwija mill-frażi 'beyond a reasonable doubt.'

[2] Ma' dawn ta' min iżid ukoll il-frażi li tidher fl-aħħar vers ta' paġina 32 ' u l-Malti tintefah bin-negri (daħk fis-sottofond).

Huwa biżżejjed dak iċ-ċans li tinħoloq mibegħda razzjali bil-kliem li jingħad biex ikun soddisfatt dan l-element. Dat-tip ta' kliem issa qed jidħol f'konvenzjonijiet internazzjonali jew direttivi tal-Unjoni Ewropej. F'direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar il-ħasil ta' flus daħlet saħansitra l-kelma 'suspett' – jiġifieri li wieħed jista' jinsab ħati ta' money laundering ukoll jekk ikollu biss '**suspett'** li l-persuna li qiegħed jagħmel kuntatti magħha biex jipprovdilha servizz jista' jkun involut fil-ħasil tal-flus.

Fl-aħħarnett l-istess artikolu jinkludi l-frażi 'meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha'. Il-Qorti qed tiddeċiedi li jeżistu ċirkostanzi fid-diskors li jagħtu sinjal ċar ta' fejn ried jasal il-kelliem. Din hija kwistjoni ta' mhux biss x'intqal, fejn intqal iżda ta' kif intqal speċjalment meta wieħed jisma' – flok jaqra – id-diskors. Ma' dan għandu tiżdied il-probabilita' tad-diffużjoni estensiva permezz tal-internet. (Dak li qiegħed jingħad hawnhekk għandu jgħodd ukoll għat-tienu u t-tielet imputazzjoni).

Lanqas ma hija impressjonata din il-Qorti b'dak li xehdu xi xhieda tad-difiża li l-atmosfera kienet ta' ħbieb. Dan jagħmel is-sitwazzjoni agħar għaliex dawn huma laqgħat regolari li fihom jiltaqgħu ħafna nies li aktarx ikollhom l-istess fehma. U imbagħad id-diskors jitpoġġa fuq il-website fejn ikunu jistgħu jaċċedu għalih persuni oħrajn, kemm tal-istess fehma kif ukoll jekk mhux. Jekk il-kliem li ntqal mill-appellant jittieħed fil-kuntest tiegħu, din il-probabilita' kienet teżisti.

Għalhekk il-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni.

**It-tieni imputazzjoni**

Din l-imputazzjoni tirreferi għad-diskors li sar fil-Qawra nhar it-8 ta' Mejju, 2006.

Il-Qorti qed tirreferi għal dik il-parti tad-diskors fejn hemm referenza għall-użu ta' ħaddiema Ċiniżi li qed jagħmel il-ħajja tal-ħaddiem Malti agħar minn dik ta' skjav. Fl-istess paġina 42, il-kelliem jgħid li l-Malti qed inġagħluh jinpika mis-sub-Sahara ġewwa l-Afrika. A fol 44 hemm l-

espressjoni 'President tal-Afrikani'. A fol 46 u 47 'Mhux jiġi Għarbi jew negru u jgħidlek int razzist. A fol 47 insibu l-kliem 'Il-Prim Ministru ta' Malta kellu zukkariera f'rasu u mar ġos-sinagoga. Mar għand l-istess nies li tefgħu l-ewwel ġebla kontrina.....dan it-tribu' laqgħuh with standing ovations. ..'con quel tutetto in testa sembrava uno di loro kważi. Another facet of the enemy we are facing. Waqt li aħna qed niddefendu l-liberta', il-Prim Minsitru fis-sinagoga. A fol 48 hemm il-kliem 'Kif qalu t-Taljani, nella prima Guerra Mondiale.....non passa lo straniere (ċapċip). U hekk se nagħmlu we've drawn the line on the sand asd we vow that you will not cross that line, you traitors, we won't let you, not over our dead bodies. A fol 49: L-immigrazzjoni. This summer se nkunu nafu jekk dal-pajjiż hux ser jintilef jew le. Jintilef bħala pajjiż Ewropew, jintilef come etnija, come stirpe, come popolo, nazione, paese.......Erbat ijiem oħra se joħorġu erba' mija mid-detention centres, l-istess nies li kissru, l-istess nies li ħarqu, rmew l-ikel u li ferew lill-Pulizija. U a fol 56: Min jaqra dil-gazzetta jara l-kliem 'Intimidated Schools weary of hosting migrant students.' Iridu jippuxxjaw lill-Afrikani mill-Katanga fl-iskejjel. Mario Azzopardi għandu l-kultura f'idu. Jibgħat lil tal-Katanga l-iskejjel, nibagħtu lil dawn with their bangles and bones. 'Racist', 'scum of the earth. U a fol 64 'Ma rridux it-tfal tagħna jimpikaw ma' tal-Katanga u ma' tal-Mozambique.'

Il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni, tagħmel referenza għal dak li diġa' ntqal dwar l-elementi fl-artikolu 82A tal-Kap 9 u kummenti oħrajn li jgħoddu għal din l-imputazzjoni.

Il-frażijiet misluta juru kliem kontra ċ-Ċiniżi, kontra l-Lhud, l-Afrikani tas-Sub-Sahara, studenti li ġejjin mill-Afrika u persuni oħra mill-Afrika li hemm fid-detention centres. Lejn dawn tal-aħħar hemm sentimenti ta' orrur għax dawn tpoġġew f'keffa waħda bħala nies li ħarqu, għamlu ħsara jew attakkaw lill-Pulizija. Sentenza minnhom turi saħansitra mibegħda kontra kulll barrani li jitħajjar jirfes artna waqt li hu tesprimi rabja kbira li ulied il-Maltin ser jitħalltu ma' tal-Katanga. Dawn in-nies tal-artijiet differenti msemmija fl-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu, kollha għandhom gruppi jew persuni li jinsabu f'Malta. Il-Qorti

qed tiddeċiedi li dan il-kliem huwa biżżejjed biex jissodisfa l-element tal-actus reus rikjest mill-artikolu 82A.

Dwar l-intenzjoni li jkun hemm din il-mibegħda razzjali, il-kliem użat mill-appellant, it-tonalita', u r-reazzjoni ta' ċapċip ta' approvazzjoni mill-udjenza kollha jindikaw din l-intenzjoni. Għalhekk huwa sodisfatt ukoll it-tieni element tal-artikolu 82A.

A skans ta' ripetizzjoni, l-Qorti tirreferi għal dak li ntqal aktar 'il fqu dwar l-ewwel imputazzjoni, dwar il-kliem 'iċ-ċirkostanzi kollha' u l-probabilita' li tirriżulta t-tali mibegħda razjali.

Il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ippruvat it-tieni imputazzjoni wkoll.

**It-Tielet Imputazzjoni**

Din l-imputazzjoni tirreferi għall-artikolu 'The Coming Cataclysmic Crisis' li l-appellant iddeskriva bħala artikolu li jirreferi għal-Lhud.

F'dan l-artikolu insibu dwan l-espressjonijiet: 'those international manipulators scattered throughout the globe; both controlled by the same tribe. The HERO took them on in the 1930s. Suddenly the mask of the hidden enemy was torn off and we could see who was behond him- who had led us to bled ourselves white for nearly a century. (fol 63)

'The same rodents' u 'History has shown that no multi-racial country can survive for long; that fences make good neighbours ' 'Europids will have to expel all aliens from their territories. 'Within six months Africa can be cleaned up and regained for the Europeans.(fol 64).

Our racial enemies, the Asians...Likewise Japanese, a predatory imperial race would seize their chance for expansion. The Japanese, with their ingrained,a ge-old envy and hatred for us would pose no problem.' (fol 65).

‘Meanwhile, in the middle East, the paranoid terrorist state would seize the opprotunity to expand its borders. Israel would be master of the Mediterranean – and still remain a nuclear, psychotic world menace. ‘For Israel would promote and aid the illegal immigration and infiltration of North Africans into the now debilitated Latin countires. It would even manipulate Arab terrorism there, especially in Italy. They have already done this before. (fol 66)

We will again hellenise all the Mediterranean Islands and push the mixed Mongolid Turks over the Bosphorus. An obdurate, obstinate and obtuse people, not one single Turk, except those of Europid genes must remain in Europe. (fol 67)

In Africa, a 4000-mile cut-line from Bangui to Djibouti, fifty miles wide will forever separate the Negrids away form the All-White South.

One most of the Blacks are over the cut-line, we will sever their food supply and leave them to the tender mercies of the Arabs........In Brazil, a firm policy of separation would soon deplete the black population through famine and aids.... (fol 68).

‘has been sparked by the creation of that abomination called Israel...the whole Maghreb would serve as a cordon sanitaire against the Negrid. (fol 69)

That *viper’s den* in the Middle East where every international *roden*t retires*. A final Solution to Israel and the whole Jewish problem has to be found. (fol 70).*

We shall see whether the parasite can live without a host.

*Non-Europids caught within our borders, after a stipulated deadline, would be shot on sight.’ (fol 71).*

*We could induce and encourage non-Whites to kill their own kind in ever more decent numbers. We should instigate famine and disease wherever the White Man has not set foot (73)*

‘However, we must ensure that space remains a white man’s preserve.’ (74).

Il-Qorti eżaminat dawn il-frażijiet kollha. Issib li hemm ħafna minnhom diretti kontra l-Israel bħal kelmiet ‘rodents’, vipers’ den, ‘abomination’ u ‘parasites’. Oħrajn huma kontra dawk ta’ ġilda sewda in ġenerali. Imbagħad l-aħħar żewġ sentenzi fil-korsiv huma prattikament kontra dawk kollha li mhumiex Ewropej b’theddida li jekk dawn jibqgħu fil-fruntieri tagħna, wara li jgħaddi d-deadline, għandna nisparawlhom.

L-appellant jiddeskrivi dan l-artikolu bħala x’għandu u x’ser iseħħ fid-dinja, almenu skont il-fehma tiegħu. L-appellant għandu dritt għall-fehma tiegħu u għandu dritt li jesprimiha iżda m’għandu ebda dritt li jiffomenta mibegħda razjali kontra l-Lhud, kontra dawk ta’ ġilda sewda, kontra it-Torok, l-Asjatiċi u kontra l-Ġappuniżi. Il-kliem użat fil-konfront tal-Lhud ‘The final solution’ huma l-istess kliem użati fl-aħħar gwerra dinjija meta kienu qed isiru t-tħejjijiet fil-konferenza ta’ Wansee sabiex jinqerdu għal kollox. Il-qtil ta’ non-Europids u l-insistenza biex inħajru lil dawk li mhumiex bojod joqtlu lil xulxin huwa kliem li żgur jaqa’ taħt ‘mibegħda razzjali’.

F’Malta għandna Lhud, nies ta’ ġilda sewda, u persuni li mhumiex Ewropej. Illum hawn komunitajiet imdaqqsin ta’ nies li mhumiex Ewropej u li saħansitra għandhom il-ħwienet tal-kummerċ tagħhom. L-appellant jista’ jissottometti li dan l-artikolu għandu aspett globali u mhux lokali. Iżda l-kliem użat f’dan l-artikolu **ma jeskludi ebda post fejn jinsabu dawn in-nies –neħilsu minnhom f’Malta wkoll għax mhumiex Europids. Il-komunita’ Lhudija** f’Malta għandha tħossha minaċċjata bi kliem bħal **‘final solution’** għax din il-minaċċja tgħodd għal kull Lhudi, ikun fejn ikun. **<u>Dak li jidher globali huwa fil-fatt lokali wkoll</u>**.

Il-Qorti tirreferi għal dak li diġa’ ntqal dwar l-elementi tal-artikolu 82A meta kienet qed tikkonsidra l-ewwel imputazzjoni.

Fil-fehma tal-Qorti l-elementi tal-actus reus, il-mens rea kif ukoll il-kwalifika ta' gruppi li jinsabu ġewwa Malta huma kollha soddisfatti. Il-mod kif inhu redatt l-artikolu jikxef bl-aktar mod ċar l-intenzjoni tal-awtur. Il-kliem huwa qawwi ħafna u juża l-ewwel l-persuna plural (we) meta jkun qed jiffomenta mibegħda bejn ir-razez – kontra l-Asjatiċi, il-Ġappuniżi, l-Istat u l-poplu tal-Israel, dawk kollu li mhumiex bojod u dawk li mhumiex Ewropej.

Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li l-appellant huwa ħati wkoll tat-tielet imputazzjoni.

**Osservazzjoni dwar id-dritt tal-espressjoni u l-ewwel tliet imputazzjonijiet.**

L-appellant diversi drabi jirreferi għad-dritt tal-espressjoni ħielsa kif protetta kemm bil-Kostituzzjoni kif ukoll bil-Konvenzjoni Ewropea. Huwa saħansitra inkludi c-Charter of Fundamental Rights li ġiet fis-seħħ f'Diċembru 2009 mat-Trattat ta' Lisbona.

Din tal-aħħar m'għandha x'taqsam xejn minħabba li d-drittijiet taċ-Charter japplikaw biss f'attijiet amministrattivi tal-Istituzzjonijiet Ewropej u għar-regolamenti, direttivi u deċiżjoni li joħroġu mit-Trattati.

Din il-Qorti mhix il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u lanqas il-Qorti Kostituzzjonali. Hija kompetenza ta' dawn il-Qrati li jiddeċiedu kawżi fejn ikunu allegati ksur tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.

Min-naħa l-oħra iżda ma jfissirx li ma tqisx deċiżjonijiet minn Qrati jew Kumitati Internazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem hija u tiddeċiedi dwar il-bilanċ li għandu jkun hemm bejn id-dritt tal-espressjoni u l-limitazzjonijiet ta' dan id-dritt. Il-Qorti għalhekk ser tirreferi għall-każ 'Feret vs Belgium' (applikazzjoni numru 15615/07)deċiża mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kif imqassra fil-'Factsheet – Hate Speech' kif instab fil-website tal-Qorti Ewropea.

'Daniel Feret was a Belgian member of Parliament and chairman of the political party Front National –Nationaal Front in Belgium. During the election campaign, several types of leaflets were distributed carrying slogans 'Stand up against the Islamifcation of Belgium', 'Stop the sham Integration Policy' and 'Send non-European job-seekers home.' Mr Feret was convicted of incitement to racial discrimination. He was sentenced to community service and was disqualified from holding parliamentary office for 10 years. He alleged a violation of his right to freedom of expression.

In the Court's view, Mr Feret's comments had clearly been liable to arouse feelings of distrust, rejection or even hatred towards foreigners, especially among less knowledgeable members of the public. His message, conveyed in an electoral context, had carried heightened resonance and clearly amounted to incitement to racial hatred. The applicant's conviction had been justified in the interests of preventing disorder and protecting the rights of others, namely members of the immigrant community. The Court held that there had been no violation of article 10.'[3]

Il-Qorti ser tagħmel referenza għal sentenza oħra, Pavel Ivanov v Russia.[4]

Pavel Ivanov wrote and published a series of articles portraying Jews as the source of evil in Russia. He accused them of plotting against the Russian people, and the tenor of his remarks was markedly anti-semitic. He was convicted of incitement to ethnic, racial and religious hatred.

The Court considered that Mr Ivanov was complaining in substance of a violation of his right to freedom of expression under Article 10. It took the view that the applicant, who had sought in his publications to 'incite

---

[3] Feret vs Belgium (no 15615/07).
[4] Pavel Ivanov vs Russia (no 35222/04) (22.02.2007 – admissibility decision)

hatred towards the Jewish people' and advocated violence against a particular group, could not claim the protection of Article 10. The court declared the application inadmissible.

Fl-aħħarnett il-Qorti ser tirreferi għal deċiżjoni mogħtija mill-Commission fl-1979[5]

'In a decision on the inadmissibility of Glimmerveen and Hagenbeek v The Netherlands, the Commission has considered that applicants pursuing a policy that clearly included elements of racial discrimination could not rely on Article 10. In this case, the applicants had been convicted for possessing leaflets addressed to 'White Dutch people', which tended to make sure that notably that every one who was not white left the Netherlands.'[6]

Il-Qorti qieset dan kollu hija u tgħarbel l-imputazzjonijiet u t-testi li kellha tanalizza kontra l-appellant sabiex tagħmel bilanċ bejn il-Kodiċi Kriminali u d–Dritt tal-espressjoni libera. Fi ftit kliem ħarset lejn l-artikolu 82A mil-lenti tal-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea. Minn dak li eżaminat il-Qorti jidher li l-konklużjoni li waslet għaliha l-awtriċi Anne Weber hija *prima facie* korretta:

'Confronted with a clearly racist statement, the Court will therefore exclude it from the protection of Article 10 of the ECHR.'[7]

Il-konsiderazzjoni ta' dan kollu mill-Qorti kompetenti tibqa' bla preġudizzju. Din il-Qorti indagat il-punt minħabba li l-appellant irrefera għal dan id-dritt diversi drabi fir-rikors promotorju u għalhekk iddeċidiet li ma tħarisx lejn l-artikolu 82A f'iżolament mill-bqija tad-dritt.[8]

**Ir-raba' imputazzjoni**

---

[5] Nos 8348/78 and 8406/78 decision fo the Commission of the 11th Ocotber 1979 D.R.18, p.187
[6] As quoted on page 26 in Manual on Hate Speech by Anne Weber.
[7] Anne Weber op.cit paġina 27.
[8] Ara wkoll Le Pen vs France applikazzjoni numru 18788/09 tal-20 t'April, 2010 fejn il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ma sabet ebda vjolazzjoni tal-artikolu 10 tal-Konvenzjoni wara li Le Pen kien ikkundannat għal rimarki razzjali.

**Punti Legali dwar l-artikolu li għandu x'jaqsmu mar-raba' imputazzjoni**

L-artikolu 72 tal-Kap 9 jgħid hekk:

'Kull min juża kliem, għemil jew ġesti li jinġurjaw, jinsultaw jew imaqdru lill-persuna tal-President ta' Malta, inkella jiċċensura jew b'nuqqas ta' qima jsemmi jew jirrappreżenta lill-imsemmi President, bi kliem, sinjali, jew rappreżentazzjonijiet viżibbli, jew b'xi mod ieħor mhux ikkontemplat fil-liġi tal-Istampa, jeħel meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur jew il-multa.'

Dwar l-artikolu 72, il-Professur Mamo jagħmel dawn l-osservazzjonijiet:

'The principle upon which this is founded is too obvious to need much enlargement. The President is considered as the head of the body politic and the members of that body are considered as united and kept by a political union with him which rests upon the love and esteem of the members towards him. Any contempt of his person or his dignity may tend to lessen him in the esteem of his subjects, may weaken his government or raise differences between him and his people and occasion public disorder.

The contempt may be by words, signs, gestures or other visible representations as by giving out or suggesting scandalous stories about him, or by cursing him or wishing him ill, or by saying that he lacks intelligence or integrity or by falsely asserting that he suffers from a disorderly mental disease, or by ridiculing him or in general by doing or saying anything which may diminish his estemm among his subjects.

In connection with this crime it is to be noted that the element of publicity is not required because this crime does not derive its criminality from the place where it is committed but from the act itself and the effect which it may produce and the scandal which it creates.'

**Apprezzament tal-fatti dwar ir-raba' imputazzjoni**

Il-Qorti hawn tagħmel referenza għal dak li ntqal fid-diskors fil-Qawra fejn il-kelliem uża l-kliem 'President tal-Afrikani' u 'San Anton, il-ġonna qiegħed iżżommhom tajjeb ħafna, meta mmur jiena passiġġata, il-fjuri bellezza, you are a ------good gardener but a lousy President. Ara kieku jaddottaw xi Kenjan jew Niġerjan tmur tippoża għar-ritratti jew jekk jaddottaw xi Afrikan tberikom.

Il-Qorti tqis li r-rimarka 'President tal-Afrikani' hija aktar ta' natura ta' mibegħda razzjali. Is-semmiegħ irid jiġbed il-konklużjoni li l-President ta' Malta huwa President ta' nies inferjuri u għalhekk huwa (il-President) inferjuri huwa wkoll. Għaldaqstant fil-fehma ta' din il-Qorti din il-frażi aktar taqa' taħt l-imputazzjonijiet l-oħrajn milli taħt din l-imputazzjoni.

M'hemm xejn ħażin li jsejjaħ lill-President 'a good gardener' ukoll jekk l-intenzjoni tal-kelliem kienet mhux biss li jdaħħaq iżda wkoll li jżeblaħ. Min-naħa l-oħra l-kelma 'lousy' tirreferi għa kif, fil-fehma tal-kelliem, il-President kien qed iwettaq il-mansjoni tiegħu. Il-Qorti qed tqis li din il-kelma hija intiża bħala kritika politika u xejn iżjed.

Il-Qorti qed tinjora kulma qal il-kelliem dwar il-President u l-IVF għax il-kelliem kellu dritt li jgħidu.

Il-Qorti wiżnet il-kliem kollu u qed tieħu wkoll in konsiderazzjoni ż-żmien li għadda minn meta l-Professur Mamo kiteb in-Noti tiegħu (1955) u llum. Fil-ktieb tagħha 'A Practioner's Guide to the European Convention on Human Rights' 4th Edtion, Karen Reid tgħid hekk a fol.474:

'Presidents or Heads of State, cannot claim any special protection against insult or criticism, there being no pressing reason for such a restriction or why they cannot make use of standard procedures for defamation.'

In sostenn ta’ dan hija tirreferi għal tliet każi: Columbani vs France June 25th 2002; Pakdemirli vs Turkey February 2nd 2005 u Artun and Guvener vs Turkey June 26th 2007.

Din il-Qorti qed iżżid il-każ deċiż fl-14 ta’ Marzu 2013 ‘Eon versus France’ (Applikazzjoni 26118/10) fejn ir-rimarka kienet aktar goffa. Id-dimostrant spiċċa weħel multa ta’ 30 Euro sospiża. Huwa ħa l-każ tiegħu quddiem il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Qorti sabet vjolazzjoni tal-artikolu 10 tal-Konvenzjoni. Il-Qorti qegħda deliberatament tħalli barra l-espressjoni użata kemm fil-verżjoni Franċiża kif ukoll fil-verżjoni Ingliża.

Il-Qorti Ewropea qalet hekk dwar dan il-każ:

’61. La Cour considere que sanctionner penalement dwes comportments comme celui qu’a eu le requerant en l’espece est susceptible d’avoir un effet dissuasif sur les interventions satiriques concernant des sujets de societe qui peuvent elles aussi jouer un role tres important dans le libere debat des questions d’interet general san lequel il n’est pas de societe democratique (mutatis mutandis: Alves de Silva).

Il-Qorti Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem kienet ħadet l-istess linja fil-każ ‘Colombani and Others versus France’[9] fejn kien hemm artikolu qawwi kontra r-Re tal-Marokk:

’68. Accordingly the offence of insulting a foreign head of State is liable to inhibit freedom of expression without meeting any ‘pressing social need’ capable of justifying such a restriction. It is the special protection afforded foreign heads of State by section 36 that undermines freedom of expression, not their right to sue the standard procedure available to everyone to complain if their honour or reputation has been attacked or they are subjected to insulting remarks.’

Kummentatur dwar l-ewwel każ kellu dan x’jgħid:

[9] Application Number 51279/99 25 ta’ Settembru 2002.

‘It (the Government of France) submitted that it was not the only country with these types of laws, citing Spain and other western European nations. The Court, however, appeared to prefer to take guidance on what may be considered necessary regulation of free speech in democratic societies from countries such as Luxemborug, which it noted had repealed its criminal offence of the head of government prohibitions and replaced them with civil penalty provisions.....The Court held in this case that considering the applicant’s recent political activism, his comments could be taken as poltical commentary not a personal attack and public figures must tolerate a degree of offence in political discussion because of the importance of free speech.’[10]

Fid-dawl ta’ dan kollu, il-Qorti jibqgħalha dubju dwar ir-reita’ taħt din l-imputazzjoni u għalhekk qed tillibera lill-appellant minn din l-imputazzjoni.

**Konsiderazzjonijiet Oħrajn**

Il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju għaliex l-appellant ma nstabx ħati ta’ xi imputazzjoni li ma kienx akkużat biha. Barra dna huwa nstab ħati fuq dak li lissen u / jew kiteb. Ma kien hemm xejn ħażin li l-Qorti tal-Maġistrati tieħu pożizzjoni moraleġġjanti jew li tiddeciedi b’ mod globali.

Qed tiċħad ukoll it-tieni aggravju għaliex il-Prosekuzzjoni ressqet il-provi u ma qagħditx fuq x’jaħseb jew x’ħaseb il-Prosekutur.

Qed tiċħad ukoll it-tielet aggravju dwar id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati li laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tibdel id-data li tidher fl-ewwel imputazzjoni. Il-Qorti tal-Maġistrati tista’ tibdel id-data ukoll waqt li qed jinstemgħu x-xhieda tad-difiża. Dati ma jistgħux jinbidlu biss wara t-trattazzjoni.

---

[10] Ara http://www.hrlc.org.au/european-court-rejects-double-standard-for-freedom-of - expression (last vistied 12th July 2013.

Qed tiċħad ir-raba' aggravju għaliex il-Qorti tal-Maġistrati interpretat l-artikolu 18 tal-Kap 9 korrettement. Dan japplika għall-każijiet simili – bħalma jkun il-każ ta' sensiela ta' serq – li jekk wieħed jinstab ħati jingħata l-ogħla piena u imbagħad il-Qorti tista' ttella' l-piena bi grad jew tnejn.

Qed tiċħad il-ħames aggravju (indikat bħala r-raba' raġuni) għaliex il-Prosekuzzjoni ġabet provi tal-intenzjoni li kellu l-appellant kif intwera aktar 'il fuq f'din is-sentenza. Jirriżulta wkoll li l-appellant uża ħafna kliem li kien dirett lejn diversi gruppi li jinsabu f'Malta.

Qed tiċħad is-sitt aggravju (indikat bħala l-ħames raġuni) għaliex, kontra dak li qed jissottometti l-appellant, iċ-ċittadin seta' jifhem x'kien hemm f'moħħ il-kittieb tal-artikolu 'The Coming Cataclysmic Crisis' kif ukoll seta' jsegwi x'qal l-appellant kemm jekk preżenti kif ukoll jekk aċċeda għall-website.

Qed tiċħad ukoll is-seba' aggravju (indikat bħala s-sitt raġuni) minħabba li dak li hemm fl-artikolu msemmi jaqa' taħt l-artikolu 82A għax dak li wettaq l-appellant fih l-elementi tar-reat inkluża l-mens rea. L-appellant jissottometti li huwa artist. L-ebda artist m'għandu l-liberta' li jikser il-liġi. Diġa' pprova jgħidha ħadd ieħor din.[11] Kif intwera dl-osservazzjonijiet ta' din il-Qorti wara l-analiżi tat-tliet imputazzjonijiet l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni ma jagħti ebda dritt lil xi ħadd jikser l-artikolu 17 tal-istess Konvenzjoni.

Dwar it-tmien aggravju (indikat bħala s-seba' raġuni), il-Qorti tirreferi għal dak li qalet dwar ir-raba' imputazzjoni fejn il-Qorti illiberat lill-appellant mit-tali imputazzjoni.

Dwar id-disa' aggravju (indikat bħala t-tmien raġuni – provi u pieni). Il-Qorti ser tipprova dwar il-piena fl-aħħar ta' din is-sentenza. Dwar l-apprezzament mill-provi, din il-Qorti m'għandha xejn x'iżżid mal-kummenti u l-analiżi li għamlet

[11] Ara: 'Crime and Punishment' ta' Fyodor Dostoyevsky u d-dramm ta' Alfred Sant 'Ittri Minn għand Dino.'

fuq kull waħda mill-imputazzjonijiet magħmulin kontra l-appellant.

Dwar it-talbiet kif saru mill-appellant, il-Qorti taqbel perfettament ma' dak li qalet din l-istess Qorti diversament preseduta meta din qalet hekk fis-sentenza tagħha tal-15 t'Ottubru, 2008:

*'Din il-Qorti ma tistax lanqas ma tinnotax għal kull buon fini illi meta l-appellant wasal għall-aħħar disa' talbiet tiegħu huwa talab it-tibdil tas-sentenza meta proprjament kellu jitlob it-taħsir tas-sentenza peress illi f'dawk id-disa' talbiet qiegħed bażikament jitlob li jiġi meħlus mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u mill-piena nflitta fuqu. Bħalma korrettement josserva l-appellant fin-Nota tal-Osservazzjonijiet tiegħu, hemm kliem li jintużaw indiskriminatament. Hekk, filwaqt li l-liġi tgħid li persuna tista' titlob 'it-tibdil' ta' sentenza tal-qorti inferjuri, jistgħu jintużaw ukoll il-kliem 'tvarja' jew 'tirriforma'. Mill-banda l-oħra, jekk persuna tkun trid titlob it-taħsir ta' sentenza, il-Qorti tista' tintalab li 'tħassar' jew tirrevoka' jew 'tannulla' jew 'tikkanċella' s-sentenza tal-Ewwel Qorti. Dak li ma jistax isir hu li fejn trid tintalab 'it-taħsir', 'ir-revoka' jew 'l-annullar' ta' sentenza, jintalab 'it-tibdil', 'varjar' jew 'riforma' tagħha.'*

Għalhekk, jekk wieħed jimxi strettament mal-artikolu 419 tal-Kap 9, dan ir-rikors jista' jitqies, skont ġurisprudenza kostanti bħala null kif insista l-Avukat Ġenerali..

Madanakollu din il-Qorti minflok għażlet li taqra u tgħarbel kull xhud jew dokument relevanti li kien ippreżentat. Lanqas m'għen l-appellant bil-mod ikkomplikat kif ippreżenta t-talbiet tiegħu. Mill-atti jirriżulta li wkoll il-Qorti Kostituzzjonali kellha l-istess diffikultajiet hija u tifli r-rikors tal-appell mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u talbet lill-appellant jerġa' jagħmel it-talbiet tiegħu. Fl-appell kriminali, is-sitwazzjoni hija sempliċi għaliex jew ser titlob revoka jew riforma jew bdil fil-piena biss u żgur ma kienx hemm bżonn tal-elenku ta' talbiet li għamel l-appellant.

Il-Qorti ser tilqa’ t-talbiet in parte biss u dan sa fejn hija involuta r-raba’ imputazzjoni.

Għaldaqstant il-Qorti ser tgħaddi għall-konklużjoni tagħha billi tafferma li s-sentenza mogħtija fis-27 ta’ Marzu, 2008 fl-ismijiet premessi hija valida u skont dak li jipprovdi l-artikolu 382 tal-Kap 9, għaliex l-Ewwel Qorti setgħet tapplika l-artikolu 18 għall-ewwel tliet imputazzjonijiet u l-applikazzjoni ta’ dan l-artikolu għar-raba’ imputazzjoni ma jġibx in-nullita’ tas-sentenza imma, jekk ikun jinħtieġ, reviżjoni fil-piena. Isegwi li m’hemm ebda nuqqas fis-sentenza li jġib in-nullita’ tagħha. Fid-dawl tas-sentenza kostituzzjonali mogħtija fit-28 ta’ Frar 2011 mhix tilqa’ s-sottomissjoni tal-Avukat Ġenerali dwar in-nullita’ tar-rikors tal-appell minħabba li ma kinux inklużi t-talbiet mal-fatti fil-qosor iżda qed tilqa’ s-sottomissjoni tiegħu dwar in-nullita’ tar-rikors minħabba il-mod kif kienu redatti t-talbiet limitatament għal dik li hija forma għaliex ġaladarba l-każ twal daqshekk (b’żewġ kawżi kostituzzjonali) din il-Qorti jidhrilha li għandha xorta waħda tagħmel il-konklużjonijiet dwar il-mertu. Il-Qorti qegħda tirriforma s-sentenza tas-27 ta’ Marzu 2008 fl-ismijiet ‘Il-Pulizija versus Norman Lowell’ billi tikkonfermaha fejn din is-sentenza sabet lill-appellant ħati tal-ewwel tliet imputazzjonijiet dedotti kontrih u fejn ikkundannatu jħallas l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti (€38) fi żmien xahar mil-lum u qed tħassarha u tirrevokaha fejn sabitu ħati tar-raba’ akkuża u fejn ikkundannatu għal piena karċerarja ta’ sentejn li kellhom jibqgħu sospiżi għal erba’ snin u għall-ħlas ta’ multa ta’ €500 u minflok qed tikkundannah għal piena ta’ priġunerija ta’ ħmistax-il xahar li, ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9, għandhom jibqgħu sospiżi għal tliet snin. Il-Qorti spjegat lill-appellant il-konsegwenzi serji li jista’ jkun hemm jekk fil-perjodu operattiv l-appellant iwettaq xi reat ieħor.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------